Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

## JANNAR – DIĊEMBRU 2010

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Leġislatura (2008-2013)

It-tielet sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Isla fis-sitt leġislatura kienet bejn Jannar u Diċembru 2010.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena Jannar – Dicembru 2010 saru 18 il-laqgħa tal-Kunsill (numru 28 sa' numru 41) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 18 | 18 | - | - |
| Justin John Camilleri (Viċi Sindku) | 18 | 16 | - | 2 |
| Walter Ahar (Kunsillier) | 18 | 16 | - | 2 |
| Larry Abela (Kunsillier) | 18 | 8 | - | 10 |
| Charmaine Gerada (Kunsilliera) | 18 | 10 | - | 8 |
| Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv) | 18 | 18 | - | - |

# Enerġija Sostenibbli Lokali

## Paneli Fotovoltaiċi

Wara li l-Kunsill ibbenifika mill-iskema *Energy Saving* 2009, f'Lulju 2010 ġiet installata sistema ta' Paneli Fotovoltaiċi fuq il-bini amministrattiv tal-Kunsill, biex b' hekk naqilbu fuq sistemi ta' enerġija alternattiva u dak li jigi ffrankat mill-kontijiet ta' konsum fl-elettriku jkun jista' jiġi investit f'xogħol ieħor fil-lokalita'. Dan l-Investment ta' € 8,107.79 f'sistema alternattiva ta' enerġija 2.16 kWp iħalli lill-Kunsill b'60% *self-sufficient*.

## Patt tas-Sindki

F'Marzu 2010 il-Kunsill approva li niffirmaw il-Patt tas-Sindki fi ħdan l-Unjoni Ewropea, lejn pjanijiet għall-enerġija sostenibbli lokali. Permezz ta' dan il-Patt il-Kunsill qed jinpenja ruħu fit-tmexxija tal-Awtorita' Lokali lejn tnaqqis ta' iżjed minn 20% f'emissjonijiet ta' CO2 sal-2020 permezz ta' implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Sostenibbli fuq livell lokali.

# Xogħol ta' Manutenzjoni:

## Ħaddiema IPSL u CWS (*Community Work Scheme*)

Xogħlijiet importanti li saru ukoll madwar il-lokalita' tagħna kien jinkludi f'programm ta' manutenzjoni fuq bażi regolari permezzi tal-Ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill flimkien ma' sitt (6) Ħaddiema mill-ETC taħt l-iskema tax-xogħol fil-komunita', liema skema qed nibbenifkaw minna għall-perjodu ta' sitt xhur sitt xhur. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu żebgħa tal-moll tul ix-Xatt, il-fanali u l-ħadid ta' madwar ix-Xatt ta' l-Isla. Inżebgħu ukoll *railings* tat-toroq u l-ħadid li nsibu fit-toroq bit-taraġ. Sar xogħol fuq tindif ta' *culverts*, tindif

ta' Forti San Mikiel, sinjali tat-traffiku, bdil ta' kaptelli u manutenzjoni fit-toroq u bankini kif meħtieġ. Dawn il-ħaddiema flimkien ma' oħrajn assjenati mill-IPSL kienu utli wkoll matul it-tindif u xogħol ta' manutenzzjoni li sar fil-Maċina u l-Pjazza Juan B Azopardo għall-użu waqt il-Festival Marittimu 2010.

### Road Markings

Il-Ħaddiema taħt l-iskema CWS u dawk ta' l-IPSL wettqgħu x-xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar l-Isla kollha. Bl-użu ta' riżorsi ta' dawn il-ħaddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

### Manutenzzjoni fuq Bankijiet tal-Konkos u *Patching*

Matul din is-sena l-Kunsill wettaq xogħolijiet ta' manutenzzjoni fuq il-bankijiet tal-konkos f'Dawret ix-Xatt u saru diversi xogħolijiet ta' *Patching* fl-Isla.

### *Street Lighting*

Matul is-sena nżamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq fil-Lokalita'.

### Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*

Taħt ir-responsabilita' tal-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd tkompla ix-xogħol ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas* flimkien ma' żbir ta' siġar.

Dwar Ġnien il-Gardjola l-Kunsill approva mozzjoni biex isir sistema ta' irrigazzjoni fil-ġnien tal-gardjoli u barra minn hekk nagħmlu fond mill-Kunsill sabiex nsebbħu aktar il-Gardjola bi tħawwil ta' pjanti u fjuri kkuluriti. Qed nistennaw aktar dettalji mill-ELC, sabiex is-sena d-dieħla jkun jista' jitwettaw dan ix-xogħol.

## Premijiet Internazzjonali:

### EDEN

### L-ISLA – DESTINAZZJONI TA' EĊĊELLENZA FIT-TURIŻMU AKWATIKU

Bħala parti mill-programm EDEN, proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea li fih ħadet sehem l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, l-Isla rebħet l-unur ta' *Destinazzjoni ta' Eċċellenza fit-Turizmu Akwatiku*.

L-għan ewlieni ta' dan l-unur hu li jiġbed attenzjoni lejn il-valuri, id-diversita' u fatturi komuni ta' destinazzjonijiet Ewropej. It-tema magħżula kienet it-turiżmu akwatiku bl-Isla tikkompeti ma' bliet kostali oħra.

L-unur intrebaħ bl-organizazzjoni tas-*Senglea Maritime Festival* li kien imtellgħa mill-Kunsill nhar is-17 ta' Mejju 2009 bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni.

Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv kienu Joseph Casha (*Chairman* u Sindku) Justin John Camilleri (Vici Sindku), Arthur Perici (Segretarju Eżekuttiv), Joe Abela, Frankie Bonello, Dr. Joseph Borg, Martin Morana, Alan Pulicino, Joe Scerri u Victor Scerri.

L-attrazzjonijiet kienu jinkludu diorama ta' l-*H.M. Naval Base*, inkluż replika ta' sottomarin u rikostruzzjoni ta' tarżna, il-Krejn massiv u li jiffunzjona tradizzjonalment magħruf bħala *il-Maċina* iżarma l-arbli tal-bastimenti tal-qlugħ u Tarżna Tradizzjonali Maltija b'nies tas-snajja jesebixxu x-xogħol tagħhom. L-għeruq taż-żmien Marittimu fl-Isla reġa' ngħata l-ħajja billi iffukajna fuq preservar ta' tradizzjonijiet, kant folkloristu u esebizzjonijiet fost l-oħrajn. Dan il-Festival Marittimu kien immirat sabiex iqajjem kuxxjenza dwar l-irbit li hemm bejn il-belt ta' l-Isla u l-baħrin. Kien evidenti li kien hemm sens ta' nostalġija meta kien hemm nisa jduru jġorru żwielaq bi produzzjoni lokali u esebizzjonijiet mis-sajjieda fejn urew irkapti differenti tas-sajd.

Dan il-proġett kien milqugħ tajjeb mill-progett EDEN u għeleb il-kompetizzjoni ta' disa' lokalitaijiet oħra.

L-organizazzjoni kienet f' idejn Kumitat Eżekuttiv b'nies professjonali u b'esperjenza vasta fit-tema magħżula u *festivals* oħrajn u kien hemm involvement sħiħ ta' numru ta' *NGOs,* għaqdiet lokali u entitajiet oħra.

L-Isla ser ikollha l-opportunita' li tipparteċipa fl-*EDEN Network* organizzat mill-Kummissjoni Ewropeja.

## Attivitajiet:

### Jum l-Isla

Għal Jum l-Isla nżammu dawn l-attivitajiet -

- Logħob Sportiv fil-Grawnd 31 ta' Mejju 1981
- Ħarġa u ikla għall-familja
- Żjara San Anton – The Great Spring Show
- Treasure Hunt organizzat mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ
- Quddies ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika' ta' Marija Bambina

### Festival Marittimu Senglea

Nhar il-5 u 6 ta' Ġunju 2010, ix-xatt sabiħ tal-belt Sengleana żamm fih il-Festival Marittimu. L-Isla, kif inhi magħrufa magħna l-Maltin, hi waħda mill-ġojjelli tat-tlett ibliet. Ilsien art li jixref għal fuq il-Port il-Kbir, imħarsa mill-Forti San Mikiel, hi mogħnija b' inħawi li jipprestaw ruħhom bl-aħjar mod biex jilqgħu fihom dan il-Festival Marittimu.

F' Mejju ta' l-2009 l-festival inżamm fuq jum wieħed u għal dan il-Kunsill Lokali rċieva l-ġieħ tal-*European Destinations of Excellence*' (EDEN), li hu proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. It-tema kienet Turiżmu Akkwatiku, li saħħet l-identità tal-Isla bħala belt marittima. Dan il-ġieħ se jkun għall-wiri ġewwa l-Maċina, tul il-festival ta' din is-sena (*ara aktar l-isfel*).

Arti, snajja', storja, żfin, mużika, wirjiet, parati u spettakli storiċi kienu parti mill-attrazzjonijiet. Il-festival beda is-Sibt, 5 ta' Ġunju fis-7 ta' fil-għaxija u kompla l-għada l-Ħadd bejn l-10 ta' fil-għodu u s-2 ta' wara nofsinhar.

Fil-jumejn tas-Sibt u l-Ħadd, wieħed seta' jara l-arti fit-toroq u s-snajja' ta' persuni mill-Isla fix-xatt ta' din il-belt, membri mis-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ urew l-

arti u ċ-ċeramika tagħhom u l-Għaqda Kummissjoni Festa tellgħet wirja dwar l-Ordni ta' San Ġwann.

Is-Sibt fil-għaxija t-turġien li jwasslu għax-xatt tal-Isla kienu mixgħula bix-xemgħat u kien hemm ukoll wirja ta' vetturi militari.

Il-Ħadd nżammet wirja mill-*Birżebbuġa Yachting Club*, kompetizzjoni tas-sajd minn *Blue Sea Angling Sport Club*, wirja ta' *abseiling* mis-*St John's Rescue Corps* u wirjiet oħra mill-Għaqda Dilettanti Sajjieda Barklori Isla, l-i*Msida Sea Scouts* u Rkaptu tas-Sajd Antik Mġarrija.

Numru ta' Sqallin kienu mistiedna għal dan il-Festival Marittimu, miġbura fl-Assoċjazzjoni *Il Gozzo Di Marika,* esebixxu dgħajsa Sirakużana tradizzjonali tas-sajd, waqt li l-Ħadd fil-għodu l-Assoċjazzjoni *Pescatore Marittimi Professionali* tellgħu wirja ta' ħut.

Lok ċentrali ta' attivitajiet kienet il-Maċina, fejn inżammu wirjiet statiċi, wirjiet awdjo-viżivi, taħdidiet u aktar tul il-jumejn, waqt li s-Sibt fil-għaxija kien hemm wirjiet fuq il-palk ewlieni, armat qrib il-monument Azopardo, mid-*Drop Out Band* u wara ix-Xatt - spettaklu ta' teatru, żfin u kant.

Fis-Sala Caravaggio fil-pjan terran tal-Maċina laqgħet fiha l-*European Destination of Excellence for Aquatic Tourism Awards*, mirbuħa mill-Kunsill Lokali tal-Isla, u wirja ta' arti tal-Caravaggio mtellgħa mill-Fondazzjoni Caravaggio.

Fil-Kamra tal-Projezzjoni, il-Piloti Marittimi Maltin urew ritratti ta' vapuri marbuta mal-Konvoj, u l-Mużew ta' l-Avjazzjoni Navali urew ritratti tat-tiġrif li sofriet l-Isla tul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Fil-Kamra tal-Wirjiet kien hemm ħwejjeġ esibiti mill-Piloti Marittimi Maltin, u kollezzjoni marittima tas-Soċjetà tal-Mudelli Żgħar. Fil-Kamra tat-Terrazzin, kien hemm wirja ta' ħbula u għoqiedi waqt li l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u Pjanar uriet Galleriji Maltin u Kaxex taz-Zekzik.

Is-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd fil-għodu, il-*Book Distributors Ltd.* (BDL) organizzat it-tnedija tal-ktieb *Belt ta' Qalbi* ta' Joe Galea u l-ktieb *Royal Navy and its Tug Boats* ta' Michael Cassar.

Fis-Sala Marittima ittellgħet wirja bit-tema '*Senglea – Eve of a Renaissance*' minn John Martin Borg, Caroline Said Lawrence, Anthony Calleja, Peter Vella de Fremeaux, Henry Alamango u T.M.P. Duggan.

Fil-Kamra tat-Teatru inżammet taħdita bis-suġġett "*The light of the past still enlightens the present...*" bi projezzjonijiet tal-arti tal-Caravaggio fil-Maċina. L-istess Kamra ospitat il-*Workshop* Internazzjonali *Suspended Spaces*, iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u organizzat mill-Fondazzjoni Temi Zammit. Kevin Attard ippreżenta teatru kontemporanju permezz tal-monologu *Ir-Ritwal.*

Il-Korporazzjoni Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-Kunsill Lokali tal-Isla urew fil-Kamra tas-Saqaf Troll il-proġett ta' riġenerazzjoni fil-Baċir Numru 1 u l- proġetti proposti tal-Belt tal-Isla. Fis-Sala tal-Wirt, Heritage Malta waslet il-Wirt Marittimu Malti, waqt li fil-Kamra tal-Ħadid, Gino Zarb esebixxa simboli u emblemi ta' vapuri tal-Qawwa Navali Brittanika.

Is-Sibt fil-għaxija, tul ix-xatt tal-Isla, kien hemm erba' spettakli li wasslu mill-ġdid ġrajjiet storiċi, fosthom mill-*Malta Command World War II Living History* u mal-HRGM. Oħra waslet l-ambjent tal-*Victory Kitchen* kompluta bl-aċċessorji kollha. Ġiet organizzata l-evokazzjoni tal-Maria Bambina fejn matul it-triq kien hemm diversi waqfiet li wasslu inċidenti storiċi, fosthom il-wasla ta' dgħajsa b'ittra biex titwassal lill-Arċipriet u tħabbret il-kapitulazzjoni tat-Taljani fit-8 ta' Settembru 1943.

Il-Ħadd fil-għodu nżammu rappreżentazzjonijiet storiċi fosthom il-Ħajja tal-Kavallieri u l-Maltin, Il-Maċina Waqt Ix-Xogħol u l-ispettaklu In Guardia.

Kien hemm ukoll parati u marċi minn baned, mis-*Sea Cadets*, mill-*Big Friends Guggen Band*, il-*Menħir Folk Group* tal-Qala, l-i*Msida Sea Scouts* u t-*Tama Tnabar*.

Bl-għajnuna tal-Istitut tal-Istudji Turistiċi, kien hemm ukoll mawriet kulturali tal-Isla.

Dan l-avveniment kulturali seta' jiġi mtella' permezz ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Kunsill Lokali Isla, is-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Heritage Malta, l-Ambaxxata Taljana, l-Istitut Kulturali Taljan, is-Seashells Resort tas-Suncrest, il-Piloti Marittimi Maltin, Charts, Virtu Ferries, Firetech, Air Malta, Grand Harbour Marina, BDL, S&D Yachts Ltd, Macina Development Co. Ltd, Cassar Ship Repair Ltd, JB Stores, Green MT, the Grimaldi Group, Coca-Cola, Bank of Valletta, Go, Palm Shipping Agency Ltd, HSBC Bank Malta, Malita Shipping, John Ripard & Son, Fondazzjoni Temi Zammit – Education and Culture DG Culture Programme, Domeman Glove Co. Ltd, Sullivan Maritime u Emmanuel Delicata Winemakers.

## Ħarġiet Kulturali

Inżammet Ħarġa Kulturali fejn il-komunita' kellha l-opportunita' iżżur il-Palazz Verdala. Dan serviet sabiex jitkabbar l-għarfien kulturali.

Matul is-sena inżammu diversi attivitajiet għall-Anzjani u Familji.

## MCCF

Għat-tieni sena l-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*, sabiex jinġabbru flus għal dawk inqas ixxurtjati minnha.

L-attivitajiet kienu jinkludu –

- Attivita' għat-Tfal
- Bazaar
- Wirja ta' Karozzi Antiki

### Qasam Soċjali

F'Diċembru 2010 ser tinżamm attivita' għall-Anzjani għaż-Żmien tal-Milied, b'serata ta' divertiment kif ukoll jitqassmu rigali. Ir-residenti anzjani li ma joħorġux mid-dar jew inkitbu fil-Kunsill, jingħataw rigali ukoll.

## Ġemellaġġi

### Żjara f'Cassino mill-Kunsill Lokali Isla

F'Lulju, il-Kunsill flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ żaru Cassino (Italja). Din il-mawra servithom sabiex jitgħallmu l-kultura ta' pajjiz ieħor li bħal-lokal tagħna sofra ħsarat kbar bil-gwerra. Matul din il-mawra ż-żgħażagħ kellhom l-opportunita' li jitgħallmu l-lingwa Taljana minn *lecturer* ta' l-Universita' ta' Cassino kif ukoll kienu organizzati diversi ħarġiet kulturali. Din iż-żjara saret permezz ta' ftehim li l-Kunsill għandu mal-Belt ta' Cassino, permezz tal-Ġemellaġġ ma' l-istess Belt.

Id-delegazzjoni tal-Kunsill kienet imexxija mill-Viċi Sindku Justin John Camilleri u l-Kunsilliera Charmaine Gerada.

Kienet esperjenza sabiħa fejn bis-saħħa t' hekk tgħallimna fuq il-pajjiż li żorna kif ukoll komplejna nsaħħu r-relazzjoni ta' ħbiberija li hemm bejn il-lokal tagħna u l-lokal ta' Cassino.

## Edukazzjoni

Matul is-sena skolastika inżammu diversi laqgħat mal-Kap ta' l-iSkola fejn rajna kif nistgħu naħdmu flimkien fil-qasam edukattiv u sportiv. Wara laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Dolores Crsitina għaddejin diskussjonijiet dwar il-possibilita' ta' area ġdida għar-rikreazzjoni għat-tfal tal-iSkola Primarja Isla.

## Żgħażagħ

### Kunsill Lokali Żgħażagħ

Il-Kunsill laqa' l-inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport biex jitwaqqaf Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ matul l-2010 għall-żgħażagħ bejn l-14 u s-17-il sena biex jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temiet ta' importanza li għandhom x'jaqsmu mal-lokalita' rispettiva tagħhom. B'sodissfazzjon inħabbru li din kienet opportunita' siewja għall-żgħażagħ biex isiru jafu aħjar kif jaħdem Kunsill Lokali u jieħdu esperjenza għall-futur. Intant inħattar Sindku u Viċi Sindku u Segretarju Eżekuttiv minn fost iż-żgħażagħ stess. Dawn kienu imexxija mis-Sur Simon Schembri bħala ko-ordinatur u kienu jiltaqgħu fl-uffiċini tal-Kunsill. Iż-żgħażagħ ġew imħarrġa biex jagħrfu kif jopera Kunsill Lokali u kif jiġi mfassal Pjan ta' Ħidma. L-għan ta' l-ewwel sena f'din l-esperjenza kien li ż-żgħażagħ stess jissotomettu proġett għall-Lokalita'. Għalkemm kien proġett interessanti, dan ma kienx fost dawk magħżula mill-bord ta' evalwazzjoni.

Intant tant kienet esperjeza posittiva għal dawn iż-żgħażagħ li għal darba reġgħu laqaw is-sejħa għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ għas-sena 2011 fejn hemm numru akbar ta' parteċipanti. B'kollox applikaw 11 il-żgħażugħ u żgħażugħa.

Nawguralhom kull suċċess f'din il-hidma.

# Amministrazzjoni:

## Djarju 2011

Għar-raba' sena konsekuttiva l-Kunsill ser jippublika r-raba edizzjoni tad-Djarju u Direttorju għas-sena 2011. Il-kummenti tal-ħarġiet għas-snin 2008, 2009 u 2010 inkoraġġawna sabiex nippubblikaw din ir-raba edizzjoni b'informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill u artikli oħra. Għal darb' oħra ser ninkludu informazzjoni bl-ingliż għall-benefiċċju tar-residenti barranin fl-Isla kif ukoll għal dawk li jżuruna.

## Korsijiet tal-Kompjuters

Wara l-ftuħ taċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tgħalim tal-Kompjuters, il-Kunsill kompla jorganizza numru ta' korsijiet.

Matul is-sena 2010 inżammu numru ta' korsijiet fosthom Korsijiet fit-tgħalim tal-kompjuters fil-livell bażiku u intermedjarju, Korsijiet matul ix-xhur tas-Sajf "Etfal Part 1 u 2" kif ukoll korsijiet ta' crafts u lingwa franċiża.

Diġa' bdew id-diskussjonijiet sabiex għas-Sena 2011 jinżammu numru ta' korsijiet ta' Livell Bażiku taħt l-iskema ICT for All u nistgħu ngħidu li hemm numru nkoraganti ta' applikanti.

Dan iċ-ċentru jservi wkoll għal riċerka fuq l-internet għall-beneifiċċju tal-komunita'.

## Żjara mill-ET President ta' Malta

Nhar it-28 ta' Settembru 2010 l-ET Presiedent ta' Malta Dr. George Abela żar il-Kunsill Lokali fejn inżammet laqgħa informali mal-membri tal-Kunsill Lokali u wara nżammet laqgħa ma' rappreżentanti tal-għaqdiet lokali.

Il-Ħadd 3 ta' Ottubru 2010 l-ET President ta' Malta Dr. George Abela flimkien mas-Sinjura Abela żaru l-Isla fejn attendew għall-Quddies fil-Bażilika ta' Maria Bambina. Wara l-quddies iltaqgħu mal-komunita' fuq iż-żuntier tal-Knisja. Iż-żjara kompliet fil-Kazin tal-Banda La Vincitrice, mal-Grupp Gwardjola, Dar Sant Anna, Senglea Nursey. Iż-żjara intemmet fi Ġnien il-Gardjola.

## Librerija Pubblika

Din is-sena iggwadanjajna l-ammont ta' € 700 għall-infiq ta' kotba mid-Dipartiment u b' hekk stajna nixtru kotba ġodda u addatati għall-komunita' kollha. Xtrajna kotba bil-Malti kemm għall-kbar u kemm għat-tfal kif ukoll xtrajna oħrajn b' lingwi differenti fosthom Franċiż, Spanjol, Taljan u Ġermaniż, uħud minnhom b' *cd* biex b' hekk dak li jkun ikun jista' jsegwi l-istorja ma' *cd*.

Mix-xahar ta' Novembru bdejna bis-sistema kompjuterizzata u b' hekk issa r-residenti ta' l-Isla jistgħu jirriservaw, iġeddu u jfittxu x' hemm kotba għall-użu tagħhom mill-kumdita' ta' darhom.

## Website tal-Kunsill

Din is-sena sar *update* tal-*website* tal-Kunsill, fejn inbiddlu dettalji antiki kif ukoll din is-sit ġiet aġġornata sal-2010. Nappellaw li ċ-ċittadini jagħmlu użu min din il-website kif ukoll is-sit www.lc.gov.mt

# Ambjent:

## Ġbir ta' Skart Imħallat u Riċiklat

Biex inkomplu nsaħħu ż-żamma tal-ambjent u nilqgħu l-isfidi f'dan il-qasam, il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu fuq ġbir ta' skart riċiklat mill-att domestiku u kummerċjali. F'Marzu 2010 ġie iffirmat ftehim mal-Kumpanija Green MT għall-ġbir ta' skart riċiklat b'inizjattiva ambjentali sostenibbli lejn komunitajiet aktar nodfa. Mandankollu biex nilħqu dawn il-miri l-Kunsill żied ġurnata oħra fl-iskedi tal-ġbir għall-skart riċiklat u naqqas ġurnata għall-ġbirt ta' skart imħallat. Il-kunsill ukoll flimkien mal-Kumpanija Green MT żamm laqgħat għar-residenti u sidien tal-ħwienet dwar il-bdil li kien previst u kif nistgħu naħdmu id f'id biex ikun hawn sistema ta' kollaborazzjoni f'dan ir-rigward. Permezz ta' dan il-ftehim il-komunita' ser tkun qed tgawdi minn tqassim ta' boroż għar-riċiklaġġ, liema tqassim ser ikun b'xejn, sabiex ninċentivaw aktar lir-residenti jagħtu s-sehem tagħhom f'dan il-qasam.
Ġie introdott ukoll servizz ta' *Environmental Wardens* sabiex inħarsu l-ambjent ta' madwarna.

## *Litter Bins*

Biex inkomplu nħarsu l-ambjent ta' madwarna l-Kunsillier Walter Ahar, responsabbli mill-Ambjent, saħaq dwar il-bżonn ta' numru ta' *Litter Bins* biex jitwaħħlu fil-lokalita'. Fuq inizjattiva tal-Kunsilliera Charmaine Gerada, wara diskussjonijiet mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, l-istess Ministeru ssupplixa u nstalla 20 *litter bin* fil-lokalita' ta' l-Isla.

# Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

## *ERDF*

F'April 2010 saret applikazzjoni taht l-ERDF *Operational Programme 1 – Tourism Development*, liema applikazzjoni ma gietx milqugha imma l-Kunsill ressaq l-appell tiegħu għal din id-deċizzjoni. Il-proposta għall-*Reviving the Senglea Waterfront and Creation of a Heritage Trail* tammonta għall- € 677,381 u tinkludi dawn ix-xogħolijiet -

*Phase 1 – Quay Repair Works*

*Phase 2 - Pavement works in Triq ix-Xatt*

*Phase 3 - Resurfacing and Parking works Fuq is-Sur*

*Phase 4 - Reinstallation of Capstan Bollard*

*Phase 5 - Installation of Galvanised Steal Railing*

*Phase 6 - Installation of Garden Furniture and Lighting in Gnien Gardjola*

*Phase 7 - Supply and Installation of Panoramic Lift*

*Phase 8 - Supply and Installation of Tourist Office*

*Phase 9 - Supply and installation of signboards*

*Phase 10 - Installation of Commissioning of Wi-Fi Service*

*Phase 11 - Heritage Maps*

Jekk din l-applikazzjoni tiġi aċċetatta l-Gvern Ċentrali hu kommes li jwettaq xogħol ta' *Road Resurfacing* f' Xatt Juan B Azopardo.

## *Med Programme 2007 – 2013*

Wara li fid-Djarju ta' l-2010 ħabbarna li saret applikazzjoni taħt il-programm MED, b' sodisfazzjoni inħabbru li dan il-proġett ġie approvat u l-implimentazzjoni tiegħu ser tibda' minn Jannar 2011. Entitajiet minn Franza, Greċja, Spanja u l-Italja flimkien mal-Kunsill Lokali Isla ser inkunu qed naħdmu mal-*lead partner* Grieg biex jitwettaq dan il-proġett fuq mhedda ta' sentejn. Il-proġett 2INS Clusters jiffoka fuq innovazzjoni ta' l-SME's u *E-Business.*

## *Town Twinning Citizens' Meeting u Proposta għall-Ġemellaġġ*

Sa' mill-2004 il-Kunsill Lokali Isla beda proċess ta' ħidma u ħbiberija mal-Muniċipalita' ta' Fara San Martino (Ir-Reġjun ta' Abruzzo, Italja). F' Lulju ta' l-istess sena l-Kunsill Lokali Isla kien ħa sehem b' mod attiv b' delegazzjoni ta' residenti involuti fl-aspetti artistiku, kulturali, storja u wirt storiku waqt konferenza li nżammet fir-Reġjun ta' Abbruzzo inkluż Fara San Martino. F' Ottubru 2005, permezz t' applikazzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali Isla quddiem l-EACEA f' Mejju ta' l-istess sena, inżammet konferenza ta' *Town Twinning Project* fl-Isla bit-tema ta' *The Cultural Diversities as European Identification.* Matul dawn is-snin inżamm kuntatt fejn iż-żewġ Kunsilli raw kif jistgħu jesploraw u jaħdmu flimkien għal ġid taż-żewġ komunitajiet. Fl-2009 l-EACEA approvat proposta mill-Kunsill Lokali Isla biex jinżamm *Town Twinning Citizens' Meeting* ġewwa Malta fejn it-temi prinċipali kienu jiffukaw biex inħeġġu liċ-ċittadini ikunu attivi, promozzjoni ta' l-istorja, wirt u kultura, l-affarijiet li huma komuni u li jagħqdu lill-ibliet parteċipanti, multi-lingwiżmu, relazzjonijiet ewropej, problemi soċjali, djalogu interkulturali, promozzjoni sabiex inżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa u żgħażagħ fil-politika kif ukoll il-kreattivita' u l-innovazzjoni. Il-Muniċipalita' ta' Fara San Martina ħadet sehem attiv f' din il-konferenza.

Madanakollu f' Settembru 2010 rċevejna proposta mill-Muniċipalita' ta' Fara San Martino biex tiġi sottomessa applikazzjoni quddiem l-EACEA sabiex f'April 2011 tinżamm konferenza ġewwa l-lokalita' tagħhom bis-sehem ta' delegazzjoni mill-Kunsilli Lokali ta' l-Isla u 50 parteċipant Senglean fejn ġie propost ukoll li fl-għeluq ta' l-imsemmija konferenza isir l-iffirmar uffiċċjali bejn Fara San Martino u l-Isla. Din it-talba tressqet waqt laqgħa tal-Kunsill li nżammet fl-14 ta' Settembru 2010 fejn kien hemm qbil unanimu li mmexxu bl-applikazzjoni kif ukoll li tintalab l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal dan il-ġemellaġġ.

Madankollu b'sodissfazzjon inħabbru li fil-jiem li għaddew ġejna nfurmati li l-applikazzjoni quddiem l-EACEA ġiet approvata. Qed isiru l-preparamenti meħtieġa mal-Muniċipalita' ta' Fara San Martino għall-organizazzjoni ta' din il-konferenza u l-ġemellaġġ.

## Skemi mneddija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### *Approvati*

***Skema Energy Saving*** – Twettaq il-proġett ta' installazzjoni ta' Paneli Fotovoltaiċi fuq il-bini amministrattiv tal-Kunsill. Investment f'sistema alternattiva ta' enerġija 2.16 kWp li jġibna 60% *self-sufficient*.

**Skema ta' Fondi Speċjali għall-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali** - Il-Kunsill ibbenefika minn din l-iskema permezz ta' assistenza finanzjarja ta' € 10,000 meta t-talba tiegħu ġiet approvata fuq ġustifikazzjoni li l-Kunsill ma jiġġenerax fondi addizjonali u ma jibbenefikax sostanzjalment mill-UIF u mill-LES.

**Skema Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar** – Taħt din l-iskema l-Kunsill ibbenfika minn 76 siġra, biex jitħawwlu f'diversi żoni fl-Isla sabiex nagħtu dehra isbaħ lill-Lokalita'. Għad ma hemmx informazzjoni meta dawn ser jiġu mħawwla.

**Skema Għajnuna Librerji Lokali** – Il-Kunsill ibbenifika minn din l-iskema permezz ta' *vouchers* li ammontaw għal € 500 biex jinxtraw aktar kotba għall-Librerija. Ġie imħabbar ukoll li l-librerija ta' l-Isla ser tkun fuq sistema diġitali u diġa' saret l-installazzjoni meħtieġa kif ukoll ingħata t-taħriġ meħtieġ lill-Librara.

**Skema *PPP (Public Private Partnership)*** – Il-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn din l-iskema billi ser isir xogħol ta' *Road Resurfacing* f' dawn it-toroq matul l-2011 -

Triq Kap. Frangisk Azzopardi
Triq is-Sur (minn Triq il-Ħabs l-Antik sa' Triq San Pietru u San Pawl)
Triq iż-Żewġ Mini (minn Triq il-Kunċizzjoni sa' Triq il-Ħabs l-Antik)
Triq il-Ponta
Triq Portu Salvu

Dan ix-xogħol ser jiswa' mal-€ 254,141 fejn mill-iskema ser ningħataw € 76,242 u
l- € 178,000 jitħallsu mill-Kunsill fuq perjodu ta' 8 snin.

**Skema *WI-FI Points* fil-Lokalita'** – Il-Lokalita' tagħna ntgħażlet sabiex f'Misraħ 4 ta' Settembru jiġi nstallat *WI-FI Point*. Dan ġie installat f' Ottubru 2010.

### *Lifelong Learing*

Il-Kunsill ibbenfika mill-iskema għall-korsijiet ta' tagħlim. Kien hemm numru sabiħ ta' applikanti għall-diversi suġġetti taħt din l-iskema fejn qed jinżammu korsijiet fil-lingwa Spanjola u lingwa Ingliża.

Dawn il-korsijiet qed jinżammu fis-sala tal-Kunsill.

## Skemi mneddija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### *Fi Stadju ta' Evalwazzjoni*

**Skema** *Energy Saving* – Applikajna biex tiġi nstallata sistema ta' Paneli Fotovoltaiċi 2.7Kwp fi Ġnien il-Gardjola u sistema ta' 1.44 Kwp biex jiġu mixgħula s-swar tal-Ponta minn fejn il-Klabb tar-Regatta sas-Senglea *Quay Cruise Liner Terminal.*

**Skema Aċċessibilita'** – Applikajna biex jiġi installat *Platform Lift* fl-Uffiċju tal-Kunsill sabiex is-sala tkun aċċessibli għall-kulħadd.

Żewġ applikazzjonijiet oħra saru taħt din l-iSkema huma -

Jingħalqu l-*Public Conveniences* fejn il-bust ta' Juan B Azopardo u jsiru ġodda b'faċilitajiet għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f Xatt Juan B Azopardo qabel taqbad Triq Dingli Cornelio taħt Triq il-Migja tal-Papa.
Jinbidlu l-*Public Conveniences* fi Ġnien il-Gardjola, fejn ikunu aċċessibli għall-kulħadd u b'faċilitajiet għall-nies bi bżonnijiet speċjali. L-entratura ta' dawn il-*Public Conveniences* tkun minn quddiem Ġnien il-Gardjola.

**Skema Attivitajiet Kulturali 2011** – Applikajna biex għat-tielet sena tinżamm attivita' kulturali fuq livell nazzjonali fl-Isla, bit-titlu Senglea Marittima 2011. Din l-attivita' qed tiġi proposta li tinżamm fuq tlett ijiem bejn il-Ġimgħa 20 u l-Ħadd 22 ta' Mejju 2011. Iż-żoni magħżula huma Misraħ Papa Benedittu XV, Misraħ l-4 ta' Settembru u l-Maċina u x-Xatt.

## Skemi mneddija mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsilli Lokali

### *Applikazzjonijiet li ma ġewx approvati*

**Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli 2010** – Applikazzjoni għall-finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli 2010, fejn il-Kunsill applika biex isir studju għall-Heritage Trail, Provista aħjar ta' Parkeġġ u Wintering Quay Areas.

**Skema għall-Proġetti Speċjali għall-Lokaltaijet Żgħar** – Applikazzjoni biex isir xogħol ta' pavimentar inkluż dwal fil-bankini. Il-proposta kienet tinkludi l-area minn Triq it-Tarżna sa' Triq Dingli Cornelio (in-naħa tar-residenzi).

**Skema ta' Restawr għall-postijiet storiċi** – Applikazzjoni biex jiġi rrestawrat l-Arloġġ fuq Forti San Mikiel. Il-proposta kienet tinkludi restawr, bini ta' tarag ghall-aċċess ta' l-arloġġ kif ukoll li l-arloġġ jiġi mdawwal.

## Konkluzzjoni

It-tielet sena ta' ħidma ta' din is-sitt leġislatura kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod biex wettaq il-ħidma tiegħu mill-aktar mod effettiva u effiċjenti. Issa jmiss li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Grazzi mill-qalb li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'.

**Joseph Casha**
**Sindku**

**Arthur Perici**
**Segretarju Eżekuttiv**